Minuti tal-laqgħa numru ħdax (11) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 5 ta' Frar 2020 fis-6.00pm fil-Bini Munċipali tar-Rabat, 8, Sqaq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Alexander k/a Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | *Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | *Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| | Is-Sinjura Romina Perici Ferrante | Accountant |

* Daħlu kwarta tard

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

11.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** — Ittri ta' Aploġija

Ma kienx hemm

11.05 & 11.06 **Bdil tax-xogħol tal-Kamra** — Mozzjoni ta' bdil tax-xogħol

Kien deċiż li jkunu ttrattati *items 11.05 u 11.06* fil-bidu tas-seduta.

Kienu trattati l-items fuq l-agenda fl-ordni tali illi l-accountant tagħti l-ispjega tagħha dwar ir-*Rapport Finanzjarju tar-raba' kwart* 2019, il-*Financial Statements 2019 u l-Budget 2020*. F'dan il-punt il-kunsillieri staqsew dak kollu li kien hemm bżonn filwaqt li dawn ir-rapporti kienu approvati b'vot unanimu u l-accountant ħarġet barra mill-kamra fis-6.45pm.

11.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru disgħa (10)** — minuti

Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mressqa għall-vot wara li sarulhom xi korrezzjonijiet kif muri fuq il-kopja oriġinali. Il-proponent kien is-Sur Matthew Chetcuti u s-sekondanti kienu is-Sur Rudolph Grima u s-Sinjura Doris Coleiro. Dawn kienu approvati b'vot unanimu.

11.03 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 21 u Ċedola tal-pagamenti numru 302** — Approvazzjoni tal-WO 21 u ċ-Ċedola tal-Pagamenti 302

Kienu kkunsidrati l-iskeda tal-pagamenti 302 numru u dik tal-Works Orders 21. Dawn kienu approvati ffirmati.

11.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** — Mistoqsijiet tal-Kunsillieri9

Ma kienx hemm.

11.07 **Approvazzjoni tal-permessi tal-kabbani, imwejjed u siġġijiet għal Festa ta' San Ġużepp**

Permessi tal-Festa ta' San Ġużepp

Kienu approvati l-permessi proposti fuq il-lista provduta mal-agenda lill-kunsillieri mill-uffiċċju

11.08 **Affarijiet biex jinqatgħu minn fuq ir-Reġistru tal-Assi Fissi: Vetrina tal-kamra tas-Sindku, żewġ skrivaniji kbar tal-oak (Sindku u Segretarju), PC tower, PC monitor, telefon u fax machine.**

Assi Fissi

Kien hemm qbil unanimu biex jinqatgħu l-affarijiet fuq imsemmija filwaqt illi kien hemm qbil sabiex l-għamara tal-uffiċini *second hand* tingħata lir-Rabat Ajax biex tibqa' tintuża flok tintrema'.

11.09 **Biex jingħata *Increment* minn Jannar 2020 lil Caroline Farrugia, Shirley Bonanno u lil Fabienne Vassallo.**

Increments

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel unanimament illi jingħataw l-**inkriments** lill-Caroline Farrugia, Shirley Bonanno u 'l Fabienne Vassallo.

11.10 **Biex tkun stabbilita d-data meta l-Muniċipju se jitlaq temporanjament għal Triq Inguanez**

Post alternattiv għal-Muniċipju u refurbishment tas-sit li minnu qed noperaw

Kien hemm diskussjoni dwar ir-**Refurbishment tal-bini amministrattiv** li minnu qed noperaw. Intant kien hemm qbil sabiex nidħlu fil-post temporanju fi Triq Inguanez biex ikun jista' jibdew ix-xogħlijet fil-fond ta' Triq l-Isptar. Is-Sur Nazju Cassar staqsa jekk għandniex stimi tax-xogħlijiet ta' *refurbishment* li se jsiru filwaqt li s-Sindku wieġeb illi bħalissa id-designer Carlo Schembri qed jagħmel il-proposti tiegħu lill-Perit. Is-Sindku qal illi jekk hemm bżonn, għandna nagħmlu laqgħa ad hoc biex nistaqsu lid-designer dak kollu li nixtieq–u għax wara jkun ferm diffiċli biex jinbidlu ċerti affarijiet.

11.11 **Proposta attivita' Kulturali fuq skala Nazzjonali mis-Sotto Kumitat tal-Kultura**

Attivita' Kulturali

Is-Sur Rudolph Grima waqt id-diskussjoni dwar il-budget, semma' l-attivita' nazzjonali proposta mis-sotto kumitat (ara minuti tas-Sotto Kumitat imqassma mal-agenda tal-21 ta' Jannar 2020). Hu qal illi biex isseħħ irridu l-*isponsors* biex nifduha iżda hemm bżonn li jkun hemm *line item* fil-*Community and Hospitality* ta' €30,000. Is-Sindku qal illi irid ikun involut aktar minn kunsillier wieħed biex l-attivita' tirnexxi peress li għadna m'aħniex in *full compliment* fil-każ tal-istaff.

11.12 **Punti Oħra**

Punti Oħra

Proġett Soċjali

Is-Sindku nforma lill-kunsillieri illi lħaqna ftehim mal-Provinċjal tal-Kunvent ta' Santu Wistin biex flimkien inwettqu **proġett soċjali**. Hu qal illi kulħadd jaf illi hemm żewġ ħaddiema jorqdu f'latrina pubblika u dawn sabu ostakoli biex japplikaw għal akkomodazzjoni alternattiva tal-Awtorita' tad-Djar għaliex lanqas paga denja m'għandhom. Issa, l-Komunita' Agostinjana aċċettat illi toffri post xieraq biex dawn il-persuni bi problemi soċjali jkollhom fejn imiddu rashom u l-post se jkun jista' jakkomoda tliet individwi. Il-KLR se jkompli jaħdem biex jara

illi dawn jingħataw il-paga li tixirqilhom u li jkollhom lil xi ħadd li jgħallimhom kif jimmaniġġjaw il-flus.

Ċentru Ċiviku

Is-Sindku irrefera għall-*encroachment* tal-parti komuni taċ-**Ċentru Ċiviku** fejn għandu jkun installat il-kurrent elettriku *3 phase*. Issa l-permess tal-Awtorita' tal-Artijiet ħareġ u l-KLR se jitlob lill-Ministeru sabiex ikun installat il-*passenger lift* biex jagħti aċċess għall-*Girl Guides u r-Rabat Ajax* u jibda jkun imnaddaf it-taraġ fuq bażi regolari.

Housing Estates tal-Gvern

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-bżonn li l-**appartamenti ta' Għeriexem** ikollhom ukoll il-faċilita' ta' passenger lift u li dawn ix-xogħlijiet għandhom isiru mill-Awtoirita' tad-Djar. Hawnhekk kien hemm stqarrija illi f'appartamenti antiki fejn ma kienx maħsub li jsir lift, biex dan issa jkun jista' jsir, ikun hemm bżonn illi jintilef spazju ta' kamra tar-residenti fuq kull sular biex dan jiġi installat. Is-Sindku qal illi f'dawn l-appartamenti anke f'dak ta' Għajn Qajjet, hemm bżonnijiet oħrajn u speċjalment dak ta' Għajn Qajjet irid *overhaul* u mhux isiru xogħlijiet biċċa biċċa.

Bandli tal-Baħrija

Il-kunsillieri qablu illi jsir it-**tindif tal-kanal tal-ilma tal-Fiddien** għaliex dan kien deskritt bħala a*ccident black spot* peress li qed ikun hemm ħafna *overspeeding*. Il-KLR se jieħu stima biex jikkunsidra dawn ix-xogħlijiet. L-istess ħaġa se jsir għall-bandli tal-Baħrija li inqalgħalhom is-*safety flooring* kollu. Dwar kif isiru dawn ix-xogħlijiet, is-Sur Nazju Cassar qal illi taħt dan il-materjal irid jintefa' ħafna żrar biex l-ilma tax-xita jkollu fejn imur. Se jinġiebu stimi u jkunu installati s-CCTV Cameras u l-WI-FI.

Patching f'Wied il-Bużbież

Is-Sur Ian Vassallo talab li jsir **patching f'Wied il-Bużbież** li hu fi stat ħażin ħafna alavolja hemm il-ħsieb li t-triq terġa' titħaffer minħabba li se jgħaddi d-drenaġġ.

Xogħlijiet f'Tal-Virtu'

Chris Farrugia fakkar fil-**bankina** li trid issir bil-paving blocks viċin l-iskola tal-Ursolini **f'tal-Virtu'**. Din kienet ipproġettata sa mil-leġislatura preċedenti.

Dwal maqtugħ

Dr Karl Muscat u is-Sur Ian Vassallo irrapportaw dwal maqtugħin fi **Vjal Santu Wistin** kif ukoll fl-arkati ta' Triq il-Kulleġġ quddiem il-forn.

Manutenzjoni fuq lapidi

Sar suġġeriment sabiex inkunu nistgħu nagħmlu **manutenzjoni fuq lapidi** li għandna biex il-kliem minqux ikun mgħoddi bl-iswed fl-ixquq tagħhom. Għal dan ix-xogħol se jkun ikkuntattjat is-Sur Joe Sultana.

Oġġetti ta' ngombru f'postijiet pubbliċi

Taħdita dwar id-Dimensia

Mawra fi Sqallija

Is-Sinjura Doris Coleiro qalet illi hemm bżonn li jitneħħew xi **oġġetti ta' ngombru** f'post pubbliku bħalma huwa l-karru li tħalla fuq wara tal-appartamenti t'Għajn Qajjet. Hija fakkret ukoll fit-taħdita li se ssir nhar l-4 ta' Marzu 2020 fuq id-Dimensia fid-Day Centre. Irreferiet ukoll għall-mawra fi Sqallija bl-ajru għal prezz ta' Eur145 li jinkludu t-titjira, iit-taxxa u fuq kollox viżita lill-inffiorata ta' Noto nhar is-16 ta' Mejju 2020. Se nkunu nistgħu nakkomodaw bejn 40 u 53 persuna biex ukoll issir żjara f'Sirakuza u Ortigia.

Proġett Consumeless

Is-Sur Ian Vassallo tkellem fuq il-**lista tal-ħwienet** fir-Rabat biex ikun konkluż l-eżerċizzju ta' Energy Audit magħruf bħala l-***Consumeless*** – liema proġett kien diġa' ġie approvat mill-KLR.

Xogħlijiet

Is-Sur Ian Vassallo tkellem ukoll dwar il-waqfien fix-xogħol tad-**drenaġġ** tat-**Triq tal-Imtahleb** u t-taħbit tat-tappieri speċjalment tal-gutters tal-ilma tax-xita fi Triq Gorg Borg Olivier. Hu qal illi ma dawn hemm ukoll dawk fi Vjal il-

Ħaddiem u Triq Ħad-Dingli.

Dwar il-lista ta’ **lampi ġodda** speċjalment dawk indikati fil-qalba tar-Rabat, se nidentifikaw liema huma dawn f’ODZ għaliex dawn irridu investiment ikbar biex isiru minħabba li trid issir it-trinka fit-triq, u nwaħħlu kemm nistgħu minnhom.

Lampi ġodda tat-toroq

Is-Sur Matthew Chetcuti qal illi hemm bżonn manutenzjoni fuq il-**crash barrier** li tgħawwġet fi **Triq Ħad-Dingli k/m Triq Ħal Tartarni**. Semma’ wkoll il-ħtieġa li tinżabar il-*hedge* fil-ġnien ta’ Qasgħa u tkellem ukoll fuq l-inizjattiva mir-Reġjun Tramuntana dwar in-nar tal-festi.

Manutenzjoni ġenerali u Attivita’ Reġjonali

Is-Sur Ian Vassallo kien skużat mill-kamra fit-19.48pm.

Is-Sur Chris Farrugia semma’ l-ħtieġa illi ssir manutenzjoni fuq il-***landmarks* tal-ħaġar fit-toroq** deskritti minnu bħala tar-Reġina. Dawn jagħmlu karattru rurali aktar rikk. Biex tissewwa dik li se taqa’ u tintilef darba għal dejjem, se jkun inkarigat is-Sur Nazju Cassar biex nibdew minn dik ta’ Għajn Qajjet propju fin-niżla qabel id-daħla fuq il-lemin għal Tas-Salib.

Manutenzjoni fuq landmarks tal-ħaġar fit-toroq

Is-Sur Rudolph Grima ilmenta minn nuqqas fil-**ġbir tal-iskart** fi Triq Bir ir-Riebu u wkoll biex jinżabru s-siġar il-ħżiena (mhux endemiċi) taħt is-Saqqajja fil-privat. Dwar din tal-aħħar, se jieħu ħsiebha wkoll is-Sur Nazju Cassar biex javviċina lill-bdiewa u se ngħidu lil diversi kuntratturi biex jagħtuna stima tax-xogħlijiet.

Ġbir tal-Iskart u żbir ta’ siġar

Dr Karl Muscat reġa’ semma’ l-problema tal-**immaniġġjar tat-traffiku** viċin l-iskola ta’ Triq Rudolph Saliba u se jkun mistieden għal-laqgħa li se ssir mal-Pulizija, kif ukoll il-proposta li nibdew nagħlqu l-propjeta’ tan-nies biex ma jbejjetx il-ħamiem fiha fejn se jkun imqabbad persuna bil-*High Up* u l-propost tal-*Cat Shelters* fi Ġnien Howard issa li qablu dwarha wkoll il-Kunsill Lokal tal-Imdina. Hu qal ukoll li se nippruvaw nagħmlu *fund raising* biex il-*feeders* ikunu f’pożizzjoni li jinnewtraizzaw il-qtates *stray* u jitimgħuhom.

Immaniġjar tat-Traffiku

Is-Sindku qal illi għadna rridu **niltaqgħu mal-Onor Ian Borg**, il-Ministru tat-Trasport dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Ġorg Borg Olivier u se jkun imqajjem il-proġett ta’ *intelligent lighting* speċjalment fi Triq Tabija li mhux se tkun qed issir minn Infrastruttura Malta iżda mill-MTIP.

Laqgħa mal-Onor Ian Borg

11.13 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**

Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-20.10pm u dik li jmiss se tinżamm tliet ġimgħat oħra fl-istess ħin.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 26/2/2020 minn Alexander k/a Sandro Craus
Segretarju Eżekuttiv Sindku